



Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8592/21

RECH 199

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġija tal-Kunsill Kompetittività tas-27 u t-28 ta' Mejju 2021</i> It-tiġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - kif għandha titħejja t-tnedija ta' ŻER ambizzjuża li tkun adattata għall-għaxar snin li ġejjin? <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota tal-Presidenza dwar "*It-tiġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - kif għandha titħejja t-tnedija ta' ŻER ambizzjuża li tkun adattata għall-għaxar snin li ġejjin?*" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fit-28 ta' Mejju 2021.

It-tiġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - kif għandha titħejja t-tnedija ta' ŻER ambizzjuża li tkun adattata għall-għaxar snin li ġejjin?

Introduzzjoni u informazzjoni ġenerali

Deskrizzjoni tal-isfond

1. Fis-sena 2000 il-Kunsill stabbilixxa l-għan li titwettaq iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u fl-2008, huwa ddefinixxa **viżjoni għall-2020**¹. Din il-viżjoni kienet tinkludi d-dimensjoni tas-suq intern għar-riċerka, inkluż il-mobbiltà transfruntiera tar-riċerkaturi u l-ftuħ tas-suq tax-xogħol għar-riċerkaturi Ewropej, filwaqt li tipprovdilhom strutturi ta' karriera aħjar li jkunu favur il-familja. Dwar id-dimensjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-isfruttament tal-għarfien, il-viżjoni ppromwoviet l-aħjar użu tal-proprjetà intellettuali flimkien ma' aċċess miftuħ għall-għarfien u l-innovazzjoni. Rigward l-istruttura tas-sistemi ta' riċerka, hija pprevediet li trawwem aktar eċċellenza xjentifika u l-forniment ta' faċilitajiet ta' riċerka ta' klassi dinjija.
2. **Parti minn din il-viżjoni ġiet issodisfata b'suċċess** b'aktar interkonnessjonijiet u rabtiet kollaborattivi bejn ir-riċerkaturi u l-komunitajiet tar-riċerka madwar l-Ewropa, promossi permezz tal-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) u azzjonijiet kollaborattivi tranżnazzjonali oħra bħall-Infrastrutturi tar-Riċerka u l-Inizjattivi ta' Programmar Konġunt. In-networks stabbiliti huma deġġiema, għalkemm b'distribuzzjoni żbilanċjata madwar l-Ewropa, u wasslu għal livell ogħla ta' "sistematizzazzjoni" tas-sistemi nazzjonali ta' riċerka fil-livell Ewropew, kif ġie osservat fil-letteratura xjentifika, u kif sar evidenti bil-Brexit meta tkejjel l-impatt tad-diżassoċjazzjoni tas-sistema tar-Renju Unit mis-Sistema Ewropea.

¹ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 7652/1/08/REV1

3. Il-**politiki nazzjonali u reġjonali**, li huma importanti, huma interkonnessi u interdipendenti f'saff **supranazzjonali Ewropew**, bħala tip ta' "sistema tas-sistemi" u parti integrali tal-politiki kondiviżi Ewropej għar-R&I.
4. Il-**valuri u l-prinċipji komuni Ewropej** diġà jeżistu u joħolqu l-etika komuni tagħna, li tirriżulta mill-kollaborazzjoni u l-kompetizzjoni intensi fost il-komunitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħna. Dan jinkludi sett ta' normi u proċeduri pjuttost armonizzati u allinjati f'diversi livelli, mill-ipprogrammar sal-prestazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riċerka. Iż-żminijiet tal-ewwel Programmi Qafas fis-snin tmenin fejn il-kultura, il-lingwi u l-idjosinkraziji nazzjonali oħra kienu verament importanti u kienu qed ifixklu l-kollaborazzjoni, anke fir-rutini ta' ħidma flimkien ta' kuljum, issa huma fil-passat. Diġà għamilna ħafna progress lejn l-Ewropizzazzjoni tar-riċerka.

Wasal iż-żmien għal viżjoni ġdida?

5. Għaddew aktar minn għaxar snin minn meta l-viżjoni għall-2020 ġiet definita għall-politiki Ewropej tar-R&I u minn meta ġiet stabbilita l-ambizzjoni mill-Kunsill Ewropew biex tinkiseb iż-ŻER sal-2014², meta t-Triju ta' Presidenzi tal-DE-PT-SI ddeċieda li jieħu pass 'il quddiem u jinkludi t-**Tiġdid taż-ŻER** bħala l-**objettiv ġenerali tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni**.
6. Minn dak iż-żmien, saret ħidma intensiva bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Biex insemmu xi wħud: ix-xogħol fundamentali tal-Opinjoni tal-KŻER dwar *il-futur taż-ŻER*³, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Settembru 2020 dwar "*ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni*"⁴, segwita mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "*iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida*"⁵ u l-ħidma attwali tal-grupp ta' esperti tal-"*Forum tal-ERA għat-Tranżizzjoni*", li ġie inkarigat biex jagħti opinjoni dwar il-kontenut ta' Patt futur għar-R&I, inkluż prinċipji u valuri u miri possibbli li għandhom jintlaħqu. Fi ħdan dan il-Forum, qed jittieħdu passi preliminari biex tiġi żviluppata b'mod konġunt, fil-livell ta' programmazzjoni, aġenda ta' priyoritajiet u azzjonijiet tematiċi u strutturali taż-ŻER.

² EUCO 2/11

³ KŻER 1201/20

⁴ 11400/20+ADD1

⁵ 13567/20

7. **L-għanijiet** għaż-ŻER il-Ġdida, kif jinsabu fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2020, ġew definiti bħala ċċentrati fuq ir-riċerka, ibbażati fuq il-valuri u l-eċċellenza u xprunati mill-impatt. Ir-responsabbiltajiet kondiviżi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew stabbiliti bħala dimensjoni importanti, inkluż involviment akbar taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati, bl-istess mod għad-diversità tal-ekosistemi u d-direzzjonalità lejn il-kontribut tar-riċerka għall-isfidi soċjetali globali u politiki pubbliċi oħra.
8. Illum, wara l-kriżi pandemika u meta l-Ġejjieni tal-Ewropa qed jibda jiġi diskuss, l-**identifikazzjoni ta' kif ix-xjenza u t-teknoloġija jistgħu jikkontribwixxu għall-Ġejjieni tal-Ewropa** hija aktar rilevanti minn qatt qabel u l-ħtieġa għal **viżjoni riveduta għaż-ŻER hija fundamentali**. It-tagħlimiet meħuda matul il-kriżi u l-impatt tagħha fuq l-ekosistemi nazzjonali u Ewropej tar-R&I kienu ta' importanza estrema fil-livelli kollha u għamlu evidenti għal kulħadd l-importanza prevalenti kollha tal-bażi tal-għarfien biex jingħelbu l-kriżijiet u r-rilevanza fundamentali tal-kollaborazzjoni miftuħa u r-riżultati u l-kondivizzjoni tad-data madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.
9. Biex niffaċċjaw l-isfidi, filwaqt li fl-istess ħin inżommu u nespandu l-bażi solida tal-għarfien fil-livell Ewropew, li tinkludi ċ-ċiklu tal-għarfien mir-riċerka fundamentali sal-isfruttament fis-suq, jeħtieġ li nippreżentaw viżjoni u orjentazzjoni politika ċara għall-futur taż-ŻER għall-għaxar snin li ġejjin. Jidher rilevanti u f'waqtu li l-Ministri għar-Riċerka jikkunsidraw dan, billi jinkludu l-oġettivi ġenerali u r-raġunijiet għall-prijoritizzazzjoni fl-ipprogrammar u l-finanzjament.

Kif għandha titħejja t-tnedija għal ŻER ambizzjuża li tkun adattata għall-għaxar snin li ġejjin

10. Għalkemm hemm kunsens dwar it-Tiġdid taż-ŻER, dwar il-ħtieġa li jiġi attirat u jinżamm l-aħjar talent għar-riċerka u dwar il-ħtieġa li jiġu promossi aktar l-istituzzjonijiet tar-riċerka u jiġi intensifikat il-finanzjament, it-tlestija tas-suq intern għar-Riċerka għadha għan pendent li għad irid jintlaħaq minkejja l-passi ewlenin li diġà tteħdu. Dawn il-passi involvew mekkaniżmi u mezzi (liġi mhux vinkolanti) li fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom validi iżda jeħtieġ li jiġu estiżi u msaħħa, inkluż biex jiġu promossi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari fil-ġeneru, biex jiġu żviluppati kontinwament, u jinxterdu l-prinċipji tax-xjenza miftuħa u l-infrastrutturi meħtieġa biex jappoġġawhom, jew biex jiġi żviluppat in-network ta' infrastrutturi Ewropej (ESFRI) li qed jikkoordina l-istrateġija Ewropea għall-infrastrutturi inkluż permezz ta' pjanijiet direzzjonali.

11. Madankollu, għad irid jiġi żviluppat u jitlestha suq intern sħiħ għar-riċerkaturi, inkluż il-kundizzjonijiet ta' qafas tiegħu. Element fundamentali huwa l-**karrieri fir-riċerka** u l-**valutazzjoni tar-riċerka**. Sar pass 'il quddiem f'din id-direzzjoni bl-approvazzjoni mistennija tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Approfondiment taż-ŻER: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà", hekk kif għall-ewwel darba, qed nadottaw approċċ sistemiku olistiku ċċentrat fuq ir-riċerka, li jgħaqqad flimkien il-politiki u l-istrumenti differenti li jikkontribwixxu direttament għalih, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi u l-awtonomija f'diversi livelli tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Kif iddikjarat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill li għandhom jiġu approvati, l-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka huwa kruċjali kif ukoll it-trasformazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ f'realtà, hekk kif li l-ixprunaturi għall-flussi żbilanċjati tar-riċerkaturi huma identifikati u indirizzati, u hija appoġġata sistema ta' osservazzjoni u monitoraġġ għall-karrieri fir-riċerka u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ.
12. Dan l-approċċ il-ġdid jirrikonoxxi li r-riċerkaturi huma professjonisti bi kwalifiki għolja u mobbli li għandhom jingħataw opportunitajiet u kundizzjonijiet ta' qafas għal karrieri ta' riċerka adegwati, sostenibbli u interoperabbli. Għalkemm il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jipprovdu qafas u orjentazzjoni politika li tikkontribwixxi bil-kbir għall-għan tas-suq uniku, għad iridu jiġu żviluppati għadd ta' għodod u metodoloġiji, sabiex jitlestha l-qafas kunċettwali u metodoloġiku biex jinkiseb suq kompletament funzjonali li jkopri l-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni.

13. Dwar il-**produzzjoni tal-għarfien**, l-approċċ tal-Unjoni hu msejjes fuq ir-riċerka kollaborattiva, konsostanzjata fin-networks distribwiti Ewropej ta' eċċellenza fix-xjenza u t-teknoloġija, filwaqt li fl-istess ħin jippermetti l-ħolqien ta' massa kritika u jnaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi. Fil-produzzjoni tal-għarfien, ir-riċerka fundamentali hija pedament bażiku u għandha tinżamm u tissaħħaħ madwar l-Ewropa, kemm jista' jkun b'interazzjoni u artikolazzjoni mal-inizjattivi intraprenditorjali. Barra minn hekk, in-networks kollaborattivi għad iridu jiksibu identità aktar b'saħħitha fl-Ewropa u viżibbiltà aħjar globalment. Jeħtieġ li niżguraw li l-approċċ inklużiv tagħna għall-bini tal-eċċellenza joffri l-ogħla livell ta' rikonoxximent għar-riċerkaturi u l-innovaturi Ewropej, sabiex l-ebda reġjun Ewropew ma jitħalla barra. Dan jista' jinkiseb permezz ta' firxa ta' miżuri ta' appoġġ li jżommu l-flessibbiltà u l-libertà akkademika meħtieġa. Tali networks ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet għandhom ikunu l-ewwel benefiċjarji ta' suq uniku effiċjenti u inklużiv għar-riċerka li jkun jiffunzjona b'mod sħiħ, hekk kif ir-riżorsi u t-talent tagħhom jaħdmu bla xkiel.
14. Dwar it-traduzzjoni tal-viżjoni, l-għanijiet u l-oġettivi fil-**proċessi ta' implimentazzjoni/programmazzjoni**, huwa importanti li wieħed jifhem ix-xenarji possibbli rigward il-modi ta' kollaborazzjoni u t-triq 'il quddiem li ġew applikati f'fażijiet differenti tal-proċess Ewropew. Mod wieħed huwa li nsaħħu s-**sħubija** tagħna f'oqsma strateġiċi jew strutturali fejn l-Istati Membri jikkoordinaw aktar il-programmi u l-prijoritajiet tagħhom ma' inizjattivi fil-livell tal-UE (sħubijiet u missjonijiet Ewropej, pjanijiet direzzjonali tal-ESFRI) li japplikaw il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni. Mod komplementari ieħor ikun li **titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni tagħna** lil hinn mill-għodod komuni attwali appoġġati mill-Programm Qafas (ERC u EIC) u li dan l-approċċ integrat jiġi estiż għal strutturi jew pjattaformi oħra li l-Unjoni tista' tistabbilixxi biex l-atturi Ewropej ikunu jistgħu jaċċessaw opportunitajiet komuni u jikkollegaw u jgħaqqdu l-isforzi tagħhom mingħajr xkiel, filwaqt li jimxu lejn suq uniku tar-riċerka aktar integrat u inklużiv.

Mistoqsijiet

1. Il-Ministri kif iħarsu lejn il-kontribut tal-Politiki tar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-ġejjieni tal-Ewropa u liema tkun il-viżjoni tagħhom għall-2030, inkluż it-Tiġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka?
 2. Il-kisba tas-suq uniku għar-riċerkaturi u l-għarfien sal-2030 -bil-kundizzjonijiet u n-normi ta' qafas adegwati - għandha tkun waħda mill-objettivi tal-viżjoni l-għdida, li tkopri r-riċerkaturi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-finanzjaturi u l-mekkaniżmu u l-korpi regolatorji?
 3. Meta jitqies li hemm diversi alternattivi biex tinkiseb dik il-viżjoni, il-ministri kif jipprevedu l-aħjar modalitajiet, proċessi u mekkaniżmi biex titħejja l-introduzzjoni taż-ŻER?
-